MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 419/2010

**Jeffrey Abela u martu Carmen (K.I. 90269M)**

**vs**

**Roderick Bezzina**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erba’ mija u disghin ewro (€490) *piu* l-ispejjez u l-imghax rapprezentanti bilanc ta’ prezz relatat ma’ reklam skont ftehim tad-9 ta’ Settembru, 2008 (Dok. A.)

Illi minkejja li gie interpellat diversi drabi, l-konvenut mhux qed ihallas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut Roderick Bezzina fejn qal illi l-ebda ammont m’hu dovut mill-konvenut stante illi l-kuntratt mehmuz mal-avviz (Dok A) gie terminat bejn il-partijet.

Illi l-konvenut hallas hames mitt ewro (€500) ghal nofs l-iskeda ta’ reklamar li fil-fatt ixxandret biss sa Dicembru, 2008 liema hlas gie accettat ghas-saldu.

Illi dan kien dovut ghall-fatt illi l-hanut mertu tar-reklamar inghalaq mill-konvenut f’Jannar, 2009 u b’hekk ir-reklamar kien ikun superfluwu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra d-dokumenti kollha pprezentati in atti.

Ra x-xhieda tal-attur Jeffrey Abela., Roderick Bezzina, Louiselle Vassallo,

Ra li s-seduti tal-11 ta’ Novembru, 2010 u tal-1 ta’ Dicembru, 2010 kienu gew imhollija ghall-provi tal-konvenut wara li l-attur kien ghalaq il-provi tieghu, izda la l-konvenut u lanqas l-avukat difensur ma dehru ghas-seduta. Illi l-kawza giet differita ghall-24 ta’ Jannar, 2011 izda t-Tribunal laqa’ rikors min-naha tal-avukat difensur u ddiferixxa l-kawza ghall-14 ta’ Frar, 2011 ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut fin-nuqqas kellha tmur ghas-sentenza. Illi fis-seduta tal-14 ta’Frar, 2011 la deher il-konvenut u lanqas l-avukat difensur tieghu wara li t-tnejn gew imsejjhin tlett darbiet skont il-ligi u ghalhekk il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-4 ta’ Marzu, 2011. Illi fl-1 ta’ Marzu, 2011 gie pprezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u t-Tribunal laqa’ t-talba.

Illi permezz tan-nota datata 18 ta’ Marzu, 2011 il-konvenut eccepixxa ulterjorment il-preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar skont id-disposizzjonijiet tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi primarjament t-Tribunal ha jiddelibera dwar l-eccezzjoni ulterjuri eccepita mill-konvenut dwar il-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar. It-Tribunal jirrilleva li l-konvenut ma semmiex taht liema artiklu tal-kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta tapplika l-azzjoni tal-preskrizzjoni. Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li meta parti teccepixxi l-preskrizzjoni, l-eccezzjoni ghandha tigi marbuta m'artiklu specifiku tal-ligi, li l-konvenut m'ghamilx f'dan il-kaz u t-Tribunal jista' jekk irid jieqaf hemm. Izda t-Tribunal jirrileva ukoll illi f'dan il-kaz partikolari, sema' lill-konvenut jixhed li kien hallas fl-ammont ta' hames mitt ewro (€500) fl-ahhar ta' Jannar, 2009, ghalkemm f'xhieda sussegwenti kien xehed li kien hallas bejn Frar u Marzu, 2009. Illi b'dan il-hlas, il-konvenut kien interrompa l-preskrizzjoni. Ghalhekk meta l-kawza giet intavolata fid-9 ta' Gunju, 2010 giet intavolata entro it-terminu ta' tmintax-il xahar eccepit mill-konvenut u ghaldaqstant, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tigi akkolta fil-kaz in kwistjoni u ha jkompli jiddelibera dwar il-mertu.

Fil-mertu, mill-provi jirrizulta li l-attur kien avvicina lill-konvenut f'ismu proprju u ftehmu li kellu jaghmel xi reklamar ghall-hanut tieghu sabiex jigi mxandar reklamar, fuq NET TV, bejn Ottubru u Dicembru, 2008. Illi l-konvenut kellu jhallas disa' mija u disghin (€990) li minnhom kien hallas hames mitt ewro (€500) wara li kienu allegatament saru r-reklami. Illi dan ir-reklamar kellu jidher fuq in-NET TV bejn it-tmienja u nofs ta' filghaxija (8.30 p.m.) u d-disgha u nofs ta' filghaxija (9.30 p.m.) matul il-*candid camera series,* imsejjha 'Paprati', li kienet skedata ghal 2008. Illi nkluz fil-prezz kien hemm *repeats* tal-episodji kollha u cioe' ta' tlettax-il (13) episodju, fl-istess stagun li kien jinkludi r-reklamar imsemmi. Illi nkluz ukoll fil-prezz kien hemm tlettax-il ripettizzjoni tal-istess episodju fis-sajf ta' wara li kien jinkludi r-reklamar. Kemm l-episodji u kemm ir-ripetizzjonijiet, intqal mill-attur li saru.

Illi ghas-somma ta' disa' mija u disghin ewro (€990), il-konvenut kien ha jkollu reklamar fl-ewwel tlettax-il episodju bejn Ottubru u Dicembru, 2008 kif ukoll

ripetizzjonijiet fil-hinijiet ta’ wara nofs inhar, kif ukoll ripetizzjonijiet tas-serje kollha inkluz ir-reklamar fis-sajf ta’ wara.

It-Tribunal huwa tal-fehma li wara li ezamina l-ftehim ezebit mall-avviz ra li dan il-ftehim huwa monk u mhux komplut izda ma jirrizultax lit-Tribunal illi kien hemm kontestazzjoni dwar il-formalita’ tal-ftehim *per se*, izda kien hemm biss kontestazzjoni dwar il-kontenut tieghu. Illi min-naha tal-partijiet huma accettaw illi kien hemm ftehim bejniethom izda skont il-konvenut il-ftehim kien maqsum fi tlett partijiet. Illi l-hlas kien ta’ €990 u l-konvenut kien hallas €500 minnhom. Il-konvenut stqarr illi huwa kien spjega lill-attur illi huwa kien ghalaq il-hanut u ma kellux bzonn iktar ir-reklami tas-sajf. Huwa accetta li r-reklami kienu sehhew fit-tlettax-il episodji originali fil-harifa tal-2008 kif ukoll ghall-ewwel ripetizzjonijiet izda qal illi huwa kien avza lill-attur li ma kellux bzonn illi jirreklama ghar-ripetizzjonijiet tas-sajf.

Illi mir-risposta tal-konvenut jirrizulta li huwa kkontesta t-talba izda ma kienx qieghed jikkontesta il-forma tal-ftehim. Il-konvenut qal ukoll fir-risposta tieghu li dak l-istess *ftehim* kien gie tterminat. Illi lit-Tribunal jirrizultalu li, mir-risposta, l-konvenut kien qieghed jaccetta li huwa kien parti mill-ftehim u li  eventwalment dan il-ftehim gie terminat. Il-konvenut qal li huwa kien hallas hames mitt ewro (€500) ghax-xandir tar-reklami fit-tlettax-il episodju originali u l-ewwwel ripetizzjonijiet u meta huwa hallas hames mitt ewro (€500) huwa hallas lill-attur ghas-saldu. Il-konvenut qal ukoll illi l-hanut *Centro Carni e piu* li kien jinsab fi Triq Hompesch, Fgura mertu tar-reklamar kien inghalaq f’Jannar tal-2009.

It-Tribunal ra li mill-affidavit tal-attur ir-reklamar kellu jsir bejn Ottubru, 2008 u Dicembru, 2008 versu l-prezz ta’ disgha mija u disghin ewro (€990) izda thallas biss hames mitt ewro (€500) u ghaldaqstant kellu jithallas erba’ mija u disghin ewro (€490) bilanc tat-talba. Illi wara li r-reklami kienu dehru fuq NET TV l-attur mar sabiex jigbor il-flus izda l-konvenut ma riedx ihallsu ghaliex kien qal li kellu hafna spejjez u ma kienx f’posizzjoni li jhallsu. Intqal mill-

attur li l-ewwel hames mitt ewro (€500) li l-konvenut kellu jhallas bhala depozitu ma kienx hallashom izda kien biss sforz il-mara tal-attur li l-hames mitt ewro (€500) ingabru.

L-attur sostna li l-ftehim kien ghal pakkett ta' tlettax-il epsodju w inkluz ma' dan il-pakkett kien hemm tlettax ir-ripetizzjoni fix-xitwa u tlettax-il ripetizzjoni ohra tal-episodji inkluzi r-reklami fis-sajf ta' wara. L-attur ikkonferma li l-konvenut kien hallas ghar-reklami fi tlettax-il episodju originali u li r-ripetizzjonijiet kienu inkluzi fil-prezz.

Irrizulta mill-provi li l-attur kien thallas €500 f'Jannar tal-2009 wara li l-episodji u r-reklami kienu diga gew mxandra fuq in-Net TV. Il-konvenut sostna li meta huwa hallas €500 lill-attur dan kien ghas-saldu ta' kollox dovut minnu skont il-ftehim ta' bejniethom. Illi ftit wara li l-konvenut kien hallas €500, l-konvenut kien ghalaq il-hanut tal-laham li kellu u kien spjega lill-attur li ma kellux iktar bzonn ir-reklami. Stqarr ukoll illi huwa ma kienx ra r-reklami fir-ripetizzjoni tal-episodji fis-sajf tal-2009 izda f'xhieda sussgewenti fil-25 ta' Mejju, 2011 qal illi huwa ma kienx ra r-ripetizzjonijiet tal-episodji (inkluzi r-reklami) fis-sajf tal-2009. In kontro-ezami, kkonferma li l-konvenut ma kienx talab ricevuta mill-attur meta huwa allegatment kien hallas ghas-saldu. Illi ghalkemm f'xhieda precedenti kien qal illi huwa kien hallas lill-atur €500 fl-ahhar ta'Jannar, 2009 fis-seduta tal-25 ta' Mejju, 2011 qal illi huwa kien hallas €500 lill-attur bejn Frar u Marzu tal-2009 meta talab lill-attur sabiex isib lil xi hadd iehor ghar-reklami tas-sajf.

Illi l-pern ta' din il-kawza kien l-pakkett offrut mill-attur, kif miftiehem bejn il-partijiet u accettat mill-konvenut. Illi fil-fehma tat-Tribunal huwa car u inekwivoku li l-ftehim kien ghal hlas ta' €990 ghal tlettax-il episodji u inkluz fil-prezz kien hemm r-ripetizzjonijiet. Illi l-ammont imnizzel huwa s-somma globali ta' €990 u ma kellux jigi diviz skont ir-ripetizzjonijiet.

Illi t-Tribunal m'ghandux dubju li l-attur kien biegh pakkett ta' reklami fi tlettax-il episodji tas-serje televisiva 'Paprati' li xxandru bejn Ottubru u Dicembru, 2008 u li l-konvenut

kien accettah u li z-zewg faxex ta' ripetizzjonijiet ta' l-episodji kienu nkluzi fil-prezz.

Illi t-Tribunal huwa sodisfatt li l-attur baqa' konsistenti tul ix-xhieda tieghu, filwaqt illi l-verzjoni tal-konvenut tefghet dell fuq il-kredibilita tieghu.

Ghaldaqstant, wara li sema' w evalwa l-provi migjuba quddiemu, t-Tribunal huwa konvint illi l-attur pprova t-talba tieghu. Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez jirrizulta lit-Tribunal li l-konvenut qatt ma gie nterpellat sabiex ihallas qabel ma giet intavolata din il-kawza, u ghaldaqstant ma jhossx illi ghandu jbati l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.

Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur fis-somma t' erba' mija u disghin ewro ( €490) bl-interessi mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati tlett kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------